MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Numru. 80/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**
**Jane Refalo mart Michael u bint George Mizzi u Mary Anne nee` Grech**
**imwielda fl-14 ta' Frar, 1965 u residenti Flora Mater, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 8065(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jane Refalo li giet akkuzata talli nhar l-10 ta' Jannar, 2007, ghal habta tat-15:00hrs fir Rabat, Ghawdex, minkejja li kont ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja b'digriet 27/2006 datat 28 ta' Lulju,

2006 u rikors Nru 14/2006 datat 7 ta' Dicembru, 2006 sabiex taghti access ta' uliedek Nathaniel u Maria li qeghdin fil-kustodja tieghek lil zewgek Dr. Michael Refalo MD, irrifjutajt li taghmel dan minghajr raguni xierqa (Art 338 11 Kap 9)

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Billi jirrizulta illi l-imputata ma obdietx l-ordni tal-Qorti fil-gurnata ta' l-10 ta' Jannar, 2007, kif indikat fl-akkuza, minghajr raguni valida.

Rat l-artikolu 338 (11) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issibha hatja u tikkundannaha hmistax-il (15) gurnata detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------